

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2045

tat-18 ta' Ottubru 2022

li japprova emenda minuri fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott ta' isem imniżżel fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi protetti ("Chianti Classico" (DOP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 53(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Italja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Chianti Classico" irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2446/2000 ⁽²⁾, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 216/2011 ⁽³⁾ u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 267/2013 ⁽⁴⁾.
- (2) Billi l-emenda kkonċernata mhix minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba biex issir emenda fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽⁵⁾, kif stipulat fl-Artikolu 50(2)(a) ta' dak ir-Regolament.
- (3) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*L-emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott ippubblikata fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fir-rigward tal-isem "Chianti Classico" (DOP) hija b'dan approvata.*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2446/2000 tas-6 ta' Novembru 2000 li jissupplimenta l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar id-dħul ta' ċerti ismijiet -"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" pprovdut bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-ismijiet tal-oriġini għall-prodotti u l-oġġetti tal-ikel agrikoli (ĠU L 281, 7.11.2000, p. 12).⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 216/2011 tal-1 ta' Marzu 2011 li japprova emendi mhux minuri fl-ispesifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet protetti tal-Oriġini u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi protetti [Chianti Classico (DOP)] (ĠU L 59, 4.3.2011, p. 17).⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 267/2013 tat-18 ta' Marzu 2013 li japprova emenda mhux minuri fl-ispesifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet protetti tal-Oriġini u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi protetti [Chianti Classico (DOP)] (ĠU L 82, 22.3.2013, p. 38).⁽⁵⁾ ĠU C 234, 17.6.2022, p. 14.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membri tal-Kummissjoni
